# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kundizzjonijiet għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2347/2002"

*COM(2012) 371 final*

(2013/C 133/08)

Relatur: **is-Sur SOARES**

Nhar it-3 u nhar il-11 ta' Settembru 2012, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kundizzjonijiet għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2347/2002*

COM(2012) 371 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar id-29 ta' Jannar 2013.

Matul l-487 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-13 u l-14 ta' Frar 2013 (seduta tat-13 ta' Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'89 voti favur, 3 voti kontra u … astensjoni waħda (1).

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jqis li huwa xieraq u urġenti li tiġi garantita s-sostenibbiltà tal-ispeċijiet tal-baħar fond u l-ħarsien tal-qiegħ tal-baħar. Din hija problema kumplessa u trid tiġi solvuta abbażi ta' data komprensiva u analiżi xjentifika fid-dettall. Għandu jiġi adottat approċċ prekawzjonarju sabiex jiġi evitat l-użu ta' tagħmir tas-sajd li l-impatt tiegħu mhuwiex magħruf għalkollox u li jista' jikkawża ħsara fuq perjodu fit-tul.

1.2 Barra minn hekk, il-KESE jemmen li kwalunkwe tibdil li jikkonċerna dan is-sajd għandu jqis is-sostenibbiltà kemm ambjentali kif ukoll dik soċjoekonomika, peress li numru kbir ta' impjiegi, mhux biss fil-baħar iżda wkoll fuq l-art, jiddependu fuqha, kif ukoll fl-aħħar mill-aħħar is-sopravivenza tal-komunitajiet kostali. Il-partijiet interessati kollha għandhom jiġu kkonsultati u involuti fin-negozjati dwar l-iżvilupp ta' sistemi ta' kontroll adatti għall-operazzjonijiet tas-sajd u fl-implimentazzjoni u l-infurzar tagħhom b'mod kooperattiv.

1.3 Fil-fehma tal-KESE, jekk l-Artikolu dwar l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd, li attwalment huwa inkluż fil-Kapitolu dwar il-kontroll, jiġi inkluż fil-Kapitolu dwar l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, dan isaħħaħ il-koerenza tal-proposta u jneħħi kwalunkwe konfużjoni dwar ir-rwol tal-osservaturi xjentifiċi msemmija f'dan l-Artikolu, li fl-ebda każ m'għandhom jitqiesu bħala kontrolluri.

1.4 Il-KESE jirrepeti l-bżonn li kwalunkwe miżura li tiġi adottata f'dan il-qasam tkun ibbażata fuq ir-riżultati tar-riċerka xjentifika, li s'issa tat riżultati tajbin ħafna.

## 2. Sfond

2.1 Ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), li tnediet mill-Kummissjoni Ewropea fl-2009 [1] bil-Green Paper tagħha [2], tinkludi tibdil ieħor għar-Regolamenti li jiddefinixxu l-PKS f'żoni u/jew għal speċijiet konkreti. Il-proposta li qed tiġi kkunsidrata f'din l-Opinjoni tista' tiġi interpretata f'dan id-dawl, u li f'ċertu sens, l-emendi li ġeneralment jiġu stabbiliti mill-PKS jiġu applikati għas-sajd tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Majjistral, speċjalment il-prinċipji tas-sostenibbiltà u r-riċerka xjentifika bħala l-bażi għall-attivitajiet ta' sajd.

2.2 Ir-reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru li tinsab fil-proposta l-ġdida għandha l-għan li timplimenta l-kontenut tar-Riżoluzzjonijiet 61/105 u 64/72, adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u indirizzati lill-Istati u l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd, sabiex jadottaw il-miżuri li jiggarantixxu l-ħarsien tal-ekosistemi marini vulnerabbli tal-baħar fond minn kwalunkwe ħsara li tista' tirriżulta mill-attività tas-sajd, b'tali mod li l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi jsir regola ġenerali ta' kwalunkwe attività. Barra minn hekk il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-bżonn li jiġu kkoreġuti xi wħud min-nuqqasijiet identifikati fl-applikazzjoni tar-Regolament attwali matul il-perjodu tiegħu ta' dħul fis-seħħ.

(1) Ir-riforma tal-PKS, ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183-195.

(2) Green Paper dwar il-PKS, ĠU C 18, 19.1.2011, p. 53-58.

2.3 Sadanittant, u fid-dawl tal-problemi identifikati fl-applikazzjoni prattika tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, il-Kummissjoni ppubblikat regoli li, sa ċertu punt, adattaw il-kontenut tiegħu.

2.4 F'dan is-sens nistgħu nsemmu l-Komunikazzjoni tad-29 ta' Jannar 2007 li tagħmel referenza għall-istokkijiet tal-ħut tal-baħar fond u d-diskrepanzi bejn il-qabdiet totali permissibbli stabbiliti u l-qabdiet attwali, waqt li tenfasizza li parzjalment dan huwa dovut għan-nuqqas ta' bażi tajba ta' għarfien xjentifiku, kemm tal-ispeċijiet elenkati fir-Regolament kif ukoll tal-kapaċità reali tal-flotot li joperaw fl-ibħra tal-Atlantiku tal-Majjistral, li l-kwoti tagħhom kienu stabbiliti qabel dan ir-Regolament. Il-Komunikazzjoni qieset ukoll neċessarju li dawn l-attivitajiet ta' sajd jiġu monitorjati u kkontrollati, bl-għajnuna tas-sistemi VMS (Sistema Elettronika ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti permezz tas-satellita).

2.5 Ir-Regolament (KE) Nru 199/2008, li jistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd, sa ċertu punt ġabar il-proposti tal-Kummissjoni sabiex jiġi stabbilit programm Komunitarju li jagħti effett lill-valur tal-ġestjoni u l-kontroll tas-sajd ibbażati fuq ix-xjenza.

2.6 Fl-aħħar, ir-Regolament (UE) Nru 1262/2012, li stabbilixxa l-opportunitajiet ta' sajd għal stokkijiet ta' ħut ta' ċerti speċijiet tal-baħar fond għall-2013 u l-2014, jissodisfa l-obbligu li jiġu stabbiliti l-pjani biannwali ta' sajd. Dan jistabbilixxi l-qabdiet totali permissibbli u, l-aktar importanti, l-allokazzjonijiet tagħhom.

## 3. **Analiżi tal-proposta**

3.1 Il-proposta tibda billi tirrikonoxxi l-fatt li r-riżultat fir-rigward tal-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 2347/2002 ma kienx sodisfaċenti, speċjalment f'rabta ma':

— il-vulnerabbiltà ta' ħafna mill-istokk tal-baħar fond,

— l-effetti negattivi tax-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-ekosistemi tal-baħar vulnerabbli,

— il-livelli għoljin ta' qabdiet mhux mixtieqa,

— id-diffikultà sabiex jiġi determinat il-livell sostenibbli ta' pressjoni tas-sajd minħabba data xjentifika insuffiċjenti.

3.2 Il-KESE jqis li n-numru kbir ta' linji gwida relatati ma' din it-tema sa minn mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament fl-2003 seta' kien ta' ħsara, kemm ambjentalment kif ukoll ekonomikament, għall-bastimenti tas-sajd. Għal din ir-raġuni, u bħala prinċipju ġenerali, id-diskussjoni tal-proposta l-ġdida għandha tfittex is-semplifikazzjoni, l-istabbiltà regolatorja u s-sigurtà legali għall-Istati Membri u għall-aġenti ekonomiċi u soċjali involuti.

3.3 L-istokkijiet tal-baħar fond jistgħu jkunu kemm speċijiet ta' mira kif ukoll qabdiet supplimentari f'sajd ieħor. L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li tiżgura kemm jista' jkun l-esplojtazzjoni sostenibbli ta' dawn l-istokkijiet filwaqt li tnaqqas l-impatt ambjentali tas-sajd, u li ttejjeb il-bażi tal-informazzjoni għall-valutazzjoni xjentifika. Sabiex jinkiseb dan l-għan għandhom jiġu stabbiliti numru ta' miżuri, li huma elenkati hawn taħt.

### 3.4 *Esplojtazzjoni sostenibbli tal-ispeċijiet tal-baħar fond*

3.4.1 Bħala regola ġenerali, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffissati f'rata ta' esplojtazzjoni tal-ispeċijiet li tkun konsistenti mar-rendiment massimu sostenibbli. Sabiex tinkiseb din is-sostenibbiltà hemm previst diversi miżuri: l-ewwel nett għandha tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni tas-sajd fejn kull operatur għandu jiddikjara l-interess tiegħu għal speċi ta' mira minn fost dawk li jidhru fil-listi stabbiliti. Il-KESE josserva li l-listi ta' din il-proposta, li ġejjin mill-ftehim li sar fi ħdan il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal, huma aktar estiżi minn dawk attwali, peress li jinkludu sajd li attwalment ma jidhirx fir-Regolament tal-baħar fond. It-tieni nett tiġi enfasizzata l-importanza tal-informazzjoni xjentifika, għalkemm għandu jiġi nnotat li l-maġġoranza tal-Istati Membri għandhom korpi u mezzi xjentifiċi li wettqu ħidma eżemplari li tintuża għas-sajd sostenibbli.

3.4.2 L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd huma obbligatorji għas-sajd fil-baħar fond. Wara perjodu tranżitorju ta' sentejn ser jiġi pprojbit it-tagħmir tas-sajd (xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tal-għeżula tal-qiegħ) li qiegħed jintuża bħalissa. Il-bastimenti li jintużaw għal speċijiet fil-mira oħra jistgħu jidħlu f'dawn iż-żoni b'awtorizzazzjoni tas-sajd li fiha jkun hemm l-ispeċijiet tas-sajd tal-baħar fond bħala qabda inċidentali, sa ċertu limitu.

3.4.3 Attwalment, it-tkarkir tal-qiegħ huwa l-uniku mezz vijabbli għas-sajd ta' xi speċijiet (pereżempju bħall-megrim u l-awwista tan-Norveġja). Jekk dan jiġi pprojbit fi żmien qasir, mingħajr ma jsir negozjar mal-partijiet interessati, dan jista' jwassal għal telf ta' dħul ekonomiku u impjiegi f'dan is-settur. Il-KESE jemmen li għarfien xjentifiku aħjar u sajd ikkontrollat ta' dawn l-ispeċijiet, flimkien ma' miżuri tekniċi u ta' appoġġ oħra, għandhom jippermettu esplojtazzjoni sostenibbli tas-sajd mill-perspettiva ambjentali, soċjali u ekonomika. F'dan il-kuntest jappoġġja t-tixrid ta' tagħmir ġdid b'soluzzjonijiet tekniċi li jippermettu li t-tagħmir attwali għat-tkarkir tal-qiegħ jinbidel b'metodi oħra ta' sajd fil-baħar fond.

3.5 *Bażi xjentifika*

3.5.1 Dan l-għan huwa kriterju permanenti fil-PSK kollha. Mingħajr għarfien xjentifiku tal-ambjent tal-baħar u tal-ħabitats tiegħu, ma jistgħux jiġu determinati r-rati ta' esplojtazzjoni li huma konsistenti mal-użu sostenibbli tagħhom. Il-ġestjoni tas-sajd għandha ssir abbażi tar-rati ta' esplojtazzjoni identifikati għar-rendiment massimu sostenibbli.

3.5.2 Fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Green Paper, kif ukoll f'Opinjonijiet preċedenti f'dan ir-rigward, il-KESE wera li kien favur għarfien xjentifiku aħjar tal-ambjent tal-baħar u tal-istat tal-istokkijiet, fejn ippropona li għandhom ikunu l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd li għandhom jikkoordinaw ir-riċerka u l-ġbir tad-data.

3.5.3 Barra minn hekk il-KESE jappoġġja l-proposta li għamel fl-Opinjoni relatata mal-finanzjament tal-PSK (3), fis-sens li għandhom ikunu l-korpi xjentifiċi indipendenti, flimkien mas-sajjieda jew l-organizzazzjonijiet tagħhom, li għandhom iwettqu din l-attività. F'dan il-kuntest intennu l-bżonn ta' taħriġ permanenti sabiex jiġi promoss il-kapital uman, b'mod partikolari sabiex ir-riċerkaturi żgħażagħ jorjentaw ruħhom lejn il-qasam tal-baħar.

3.6 *Miżuri tekniċi tal-ġestjoni*

3.6.1 Skont il-proposta, l-opportunitajiet tas-sajd, li attwalment jistgħu jiġu stabbiliti bħala limiti tal-isforz tas-sajd jew bħala limiti tal-qabdiet, ser jibdew jiġu stabbiliti biss bħala limiti tal-isforz tas-sajd. F'dan ir-rigward il-KESE jtenni l-fehma tiegħu li kwalunkwe limitu għandu jkun iġġustifikat b'mod xjentifiku.

3.6.2 L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri sabiex tiġi evitata żieda kemm tal-kapaċità tal-qabdiet kif ukoll tal-qabdiet inċidentali ta' speċijiet vulnerabbli u sabiex jiġi evitat ir-rimi.

3.6.3 Bil-għan li jiġi evitat it-trattament diskriminatorju tas-sajjieda tal-UE soġġetti għal kwoti jew limiti tal-isforz meta l-kompetituri tagħhom minn pajjiżi oħra jistgħu jistadu bla limitu, il-KESE jappella sabiex il-Kummissjoni tagħmel sforz sostnut fil-konklużjoni ta' ftehimiet reġjonali ta' konservazzjoni tar-riżorsi li jobbligaw lill-partijiet kollha.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-elementi li ġejjin tal-proposta:

— l-ekosistemi u l-ispeċijiet tal-baħar fond huma partikolarment vulnerabbli għall-attivitajiet tal-bniedem,

— is-sajjieda diġà jikkooperaw max-xjenzjati fir-riċerka dwar l-ambjent u l-ispeċijiet marini tal-baħar fond; fil-fatt ix-xjenzjati diġà jieħdu sehem b'mod regolari fl-attivitajiet tal-flotot tas-sajd,

— l-objettiv prinċipali tal-proposta għandu jkun li tiġi żgurata l-esplojtazzjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-baħar fond filwaqt li jitnaqqas l-impatt ambjentali ta' dan is-sajd, li jfisser li għandha tittejjeb l-informazzjoni disponibbli u sservi ta' bażi għall-valutazzjoni xejntifika u għad-dispożizzjonijiet leġislattivi li għandhom jiġu adottati dwar l-użu ta' dawn l-ibħra,

— skema ta' liċenzji għas-sajd fil-baħar fond hija l-istrument adegwat sabiex jiġi kkontrollat l-aċċess għal dan is-sajd.

4.2 Il-KESE jirrikonoxxi wkoll li t-tagħmir tat-tkarkir tal-qiegħ jistgħu jkunu ta' theddida mhux biss għall-ispeċijiet tal-baħar fond iżda wkoll għall-qiegħ tal-baħar taż-żoni vulnerabbli. Madankollu, ma jistax jinxteħet dell ikrah fuq dan it-tagħmir peress li, jekk jintuża b'mod xieraq, huwa l-uniku tagħmir li jippermetti li jsir sajd ieħor mingħajr ma tiġi kompromessa s-sostenibbiltà tiegħu. Il-KESE jipproponi li jiġu stabbiliti kriterji xjentifiċi sabiex jiġu definiti l-limiti tal-użu tiegħu.

4.3 Fl-aħħar, il-KESE jqis li l-proposta miexja fit-triq it-tajba iżda għandha ssib bilanċ adegwat bejn il-protezzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet vulnerabbli u l-esplojtazzjoni sostenibbli tar-riżorsi mill-perspettiva ekonomika, soċjali u ambjentali. Għal dan il-għan iqis li l-projbizzjoni tat-tagħmir tal-qiegħ (it-tkarkir tal-qiegħ u l-għeżula tal-qiegħ) tista' ma tkunx proporzjonata jekk ma jitqisux il-valutazzjonijiet xjentifiċi.

4.4 Bħala alternattiva għall-projbizzjoni, il-KESE jipproponi li jiġu ssodisfati l-Linji Gwida Internazzjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Baħar Fond fl-Ibħra Miftuħa tal-FAO, li l-applikazzjoni tagħhom intlaqgħet b'mod pożittiv min-Nazzjonijiet Uniti fil-kuntest internazzjonali u speċjalment fl-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni rrikonoxxiet il-bżonn li jkun hemm appoġġ finanzjarju għall-bastimenti tas-sajd li għandhom bżonn ibiddlu t-tagħmir u għat-taħriġ tal-ekwipaġġ. Dan l-appoġġ għandu jkun adattat għas-sitwazzjoni ta' kriżi ekonomika u soċjali li teżisti fl-Ewropa.

Brussell, 13 ta' Frar 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

(3) Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd. ĠU C 299, 4.10.2012, p. 133-140.